MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2008

Talba Numru. 1421/2005

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat Josephine Galea**

**vs**

**Nutara Stephanie Muscat**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tas-socjeta’ attrici li talbet lil dan it-Tribunal jiddikjara lil konvenuta debitrici tal-atturi fis-somma ta’ erba’ mija u tmienja u tmenin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm488.45), u cioe’ illum ekwivalenti ghal elf, mija u sebgha u tletin Euro u tmienja u sebghin centezmu (€1,137.78), rapprezentanti danni li soffrew l-atturi meta l-konvenuta waqt li kienet qed isuq il-vettura bin-numru DCC 206 fl-4 ta’ April, 2004 gewwa Ta’ Xbiex habtet mal-vettura numru JZL 055 proprjeta’ ta’ Josephine Galea u misjuqa mir-ragel taghha u ikkagunat danni f’din l-istess vettura.

Dan l-incident hija ghalih unikament responsabbli l-konvenuta stante li s-sewqan taghha kien wiehed negligenti u traskurat.
Bl-ispejjes komprizi dawk tal-parir (Lm15.00, u cioe' €34.94) u tal-ittra ufficjali datata 28 ta' Marzu, 2005 u ta' ittra ufficjali ohra pprezentata kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut.

Ra r-risposta ta-konvenuta li eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici, stante li l-incident stradali in kwistjoni sehh tort tas-sewwieq l-iehor minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Illi, subordinatament, u bla pregudizzju ghal premess, is-socjeta' attrici trid taghmel il-prova tad-danni reklamati minnha.

Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Ra x-xhieda ta' Ronnie Azzopardi li kien il-Warden W.147 li ha r-rapport tal-incident u d-dikjarazzjonijiet tal-partijiet. Il-konvenuta kienet qalet li kienet ghaddejja fil-karreggjata taghha f'Ta Xbiex, meta l-vettura misjuqa mill-assikurat qabdet u kissret ghal fuqha, biex tidhol fil-Yacht Marina u dan minghajr ma kellha l-*indicator* mixghul. Biex tevita l-incident baqghet tiela' fuq il-bankina.

L-attrici tispjega li l-vettura taghha kienet ghaddejja u meta kienet ser iddur sabet lill-konvenuta li ppruvat taqbez mill-karreggjata ta' gewwa u dahlet zbrixx maghha u mbaghad baqghet tiela' fuq il-bankina.

Ra x-xhieda ta' Albert Galea li jispjega li hu kien qed isuq il-vettura tal-attrici (martu) b'numru ta' registrazzjoni JZL 055 gej mill-Gzira, fid-direzzjoni ta' Ta' Xbiex, meta iddecieda li jdur ghall-Yacht Marina.

Meta ddecieda li jidhol fil-Marina kien ghadu ftit boghod u ghalhekk xeghel l-*indicator*. Ix-xhud ma kienx f'posizzjoni

li jikkonferma jekk it-triq kellhiex karreggjata li minnha titla' u l-ohra biex tinzel.

Jispjega ukoll li kellu xi distanza ta' madwar metru/metru u nofs, mill-bankina u minkejja li jghid li qatt ma ra vetturi gejjin, anqas meta l-mera kienet turih id-distanza tat-triq kollha, kien sab li l-vettura tal-konvenuta kienet dahlet bejn il-vettura tieghu u u l-bankina bi zbrixx.

Jikkonferma li ma kienx hemm vetturi gejjin minn warajh, izda mbaghad kien hemm il-konvenuta li kienet ippruvat tghaddi bejn il-vettura tal-assikurata u l-bankina u minflok baqghet tiela' fuq il-bankina, telghet mal-pilastru u regghet niezlet.

Il-vettura, jghid, li kienet assikurata *fully comprehensive* mas-socjeta' attrici.

Bhala hsarat jispjega li kellu fil-*mudguard*, fil-fanal, u fis-*shock absorbers*.

Ra x-xhieda ta' Josephine Galea li tispjega li kienet passigiera fil-vettura JZL 055 li kienet misjuqa mir-ragel taghha. Tikkonferma li kienu gejjin mill-Gzira u r-ragel iddecieda li jghaddi mill-Yacht Marina.

Tghid li f'daqqa mill-mera tax-xellug rat il-vettura tal-konvenuta gejja b'velocita' qawwija u dahlet bejn il-vettura taghhom u l-bankina. Kien hemm ragel bil-qiedgha, li meta ra l-vettura tal-konvenuta kien beza' u qam jigri. Fil-fatt, gara li l-vettura l-konvenuta baqghet diehla go pilastru fejn kien hemm dan ir-ragel ftit qabel.

Tghid li l-konvenuta kienet ghamlitilhom hsara fuq il-parafangu, *shock absorber*, u fil-fanal.

Ra x-xhieda tal-konvenuta li tghid li kienet ghaddejja il-Gzira, hdejn il-KFC lejn Ta' Xbiex. F'daqqa kienet sabet li l-vettura li kienet fil-karreggjata ta' magenbha, u daret biex tidhol ghall-Marina u minflok dahlet ghal fuq l-vettura taghha. Tghid li bejn il-bankina u l-vettura taghha kien hemm distanza ta' anqas minn metru.

Peress li l-konvenuta kienet intebhet li l-vettura ta' Galea kienet ser tispicca fuqha, kienet ippruvat tevitah u dawret dritt ghal gol-bankina.

Il-konvenuta tispjega li kieku Galea kien jinsab vicin hafna, kien jiehu l-genb shih, izda minflok kien laqat il-parti tal-lemin, il-*mudguard* u r-rota tal-lemin.

Tispjega li hi kienet ghaddejja fid-dritt u li ma kienx minnu li kien hemm xi distanza ta' metru u nofs bejn il-vettura tal-attur u l-bankina.

Tinsisti li Galea dejjem kien magenbha u qatt ma kien warajha. Dwar jekk it-triq hdejn il-Marina kienitx *single lane* tghid li hi kienet qed isuq skond il-*highway code* fuq il-parti tax-xellug tat-triq.

Ikkonfermat ukoll li ma kienx hemm linji f'din it-triq.

Ra l-atti u dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

Il-verzjonijiet tal-partijiet huma kontrastanti. L-atturi jinsistu li huma riedu jidhlu ghal Yacht Marina, u sabu li l-vettura tal-konvenuta dahlet zbrixx ma' taghhom u sar l-impatt. Il-konvenuta tinsisti li hi kienet ghaddejja fil-karreggjata taghha meta l-assikurat f'salt dar ghal-karreggjata taghha tant li biex tevitah spiccat fuq il-bankina u baqghet diehla go arblu.

Minn ezami tar-rapport tal-Warden u r-ritratt esebit (vide fol 48 tal-process) jirrizulta li l-hsarat sofferti mill-konvenuta huma aktar minn dawk sofferti mill-vettura tal-assikurat.

L-assikurat jikkonferma li kien qed isuq lejn Ta' Xbiex u kien xeghel l-*indicator* sabiex jidhol lejn il-Yacht Marina u jikkalkola li kien hemm madwar metru/metru u nofs bejn il-vettura u l-bankina.

Jispjega li meta hares mil-mera ma kienx ra li kien hemm karozzi. Lanqas ma seta' jikkonkludi jekk kienx hemm linji sabiex jiddistingwu l-karreggjati.

Mill-iskizz wahdu, it-Tribunal ma jistax jikkonkludi li l-assikurat kien jinstab fuq in-naha ta' gewwa tal-karreggjata u jidher li l-konvenuta setghet tghaddi bil-vettura taghha.

Fil-fatt, anke l-istess assikurat jistqarr li hu kien iddecieda li jdur lejn il-Yacht Marina fl-ahhar minuta, ghaliex originarjament l-intenzjoni kienet li jdur lejn Ta' Xbiex.

Il-konvenuta da parti taghha tinsisti li l-assikurat dejjem kien jinsab isuq hdejha.

Kien ghalhekk li per konsegwenza, l-assikurat kellu jzomm "*a proper lookout*," qabel ma qabad u ittenta jidhol fil-karreggjata fejn kienet tinstab il-vettura tal-konvenuta sabiex jidhol lejn il-Marina. Kien jehtieg li jesplora t-triq warajh. Fix-xhieda tieghu jghid li ma kienx ra vetturi u mbaghad martu Josephine Galea tghid li mill-mera taghha tax-xellug kienet rat lill-konvenuta gejja *full speed* u kienet dahlet zbrixx maghhom. Vermanet dan hu possibbli ghax il-vizwali tat-tnejn ma tkunx l-istess izda dan ifisser ukoll li l-assikurat ma zammx *proper lookout* ghax altrimenti kien jinduna bil-vettura tal-konvenuta u ma jdurx f'salt kif ghamel.

Il-verzjonijiet huma kontrastanti, u ghalhekk it-Tribunal ghandu jasal biex jiddeciedi liema verzjoni hija l-aktar wahda verosimili. L-impatt tal-vettura tal-konvenuta u l-mod kif sehh l-incident, fis-sens li l-konvenuta baqghet tiela' fuq il-bankina u konsegwentement baqghet diehla gol arblu, iwassal lit-Tribunal ghal interpretazzjoni li l-konvenuta indunat li l-assikurat kien ser jidhol f'salt gol-karreggjata taghha sabiex jidhol gol-Marina u peress li kienet ghaddejja b'certu velocita' l-incident kien inevitabbli, tant biex tevitah immanuvrat b'sahha li baqghet tiela' fuq il-bankina u kkagunat diversi hsarat fil-vettura taghha u tal-assikurat. Fuq kollox, il-konvenuta dejjem insistiet li l-assikurat kien dejjem qed isuq hdejha.

Minn dawn l-fatti, it-Tribunal josserva li l-probabilita' ta' kif sehh dan l-incident kien li z-zewg vetturi kienu ghaddejjin vicin ta' xulxin f'zewg karreggjati differenti, meta f'mument minnhom, l-assikurat iddecieda li jmur f'direzzjoni ohra, u anke jekk xeghel l-*indicator* kien tard wisq sabiex l-konvenuta tevitah ghaliex hi kienet ghaddejja b'velocita' ta' vettura li ma kellhiex ostakoli fit-triq, hlief meta sabet lill-assikurat ma' wiccha.

Ghalhekk, ma jistax jinghad li l-konvenuta kienet qed isuq b'xi mod traskurat jew b'negligenza, anzi minn naha l-ohra ttentat tevita incident u per konsegwenza tilfet l-kontroll tal-vettura, telghet fuq il-bankina u dahlet go pilastru. Jidher evidenti li sar kollox malajr, bla ebda pjanijiet u sinjali li bihom, b'mod li inholqot *sudden emergency* ghall-konvenuta u l-incident ma setghax jigi evitat.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici u bl-ispejjes ghall-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------